Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/2058(INI)

28.6.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

Ir-rwol tal-politika tat-tassazzjoni fi żminijiet ta' kriżi
(2023/2058(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Kira Marie Peter-Hansen

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 9

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Ir-rwol tal-politika tat-tassazzjoni fi żminijiet ta' kriżi
(2023/2058(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 intitolata "L-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-UE għall-iskambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa: il-progress, it-tagħlimiet miksuba u l-ostakli li jridu jingħelbu"[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2021 dwar ir-riforma tal-politika tal-UE dwar il-prattiki dwar it-taxxa dannużi (inkluża r-riforma tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta)[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2021 intitolata "Pandora Papers: implikazzjonijiet għall-isforzi biex jiġu miġġielda l-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa"[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2022 dwar l-abbozz ta' direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud[4],

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2021 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera (COM(2021)0564),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2019 dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-politiki tat-tassazzjoni fl-UE[5],

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ġunju 2022 intitolat Taxation Trends in the European Union – 2022 edition (Tendenzi tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tat-tassazzjoni - edizzjoni 2022),

– wara li kkunsidra l-mira tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE għall-2030, kif approvata fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2020,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 intitolata "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" (COM(2020)0380),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Lulju 2020 dwar "Pjan ta' Azzjoni għal tassazzjoni ġusta u sempliċi li tappoġġa l-istrateġija ta' rkupru"

[1] ĠU C 117, 11.3.2022, p. 120.
[2] ĠU C 132, 24.3.2022, p. 167.
[3] ĠU C 184, 5.5.2022, p. 141.
[4] ĠU C 347, 9.9.2022, p. 232.
[5] ĠU C 411, 27.11.2020, p. 38.

(COM(2020)0312),

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854 tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija[6],

– wara li kkunsidra l-istudju intitolat "The effectiveness and distributional consequences of excess profit taxes or windfall taxes in light of the Commission's recommendation to Member States" (L-effettività u l-konsegwenzi distributtivi ta' taxxi fuq il-profitt eċċessiv jew taxxi mhux mistennija fid-dawl tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri), ippubblikat mid-Dipartiment Tematiku għall-Politiki Ekonomiċi, Xjentifiċi u tal-Kwalità tal-Ħajja tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu fid-29 ta' Marzu 2023,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) tal-14 ta' Ottubru 2021 intitolat "Tax and fiscal policies after the COVID-19 crisis" (Il-politiki tat-tassazzjoni u fiskali wara l-kriżi tal-COVID-19),

– wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-OECD tal-21 ta' Jannar 2021 intitolata "Updated guidance on tax treaties and the impact of the COVID-19 pandemic" (Gwida aġġornata dwar it-trattati dwar it-taxxa u l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-OECD tat-18 ta' Frar 2022 intitolat "Tax Policy and Gender Equality – A Stocktake of Country Approaches" (Il-Politika tat-Taxxa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri– Rendikont tal-Approċċi tal-Pajjiżi),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-OECD tat-12 ta' April 2018 intitolat "The Role and Design of Net Wealth Taxes in the OECD" (Ir-Rwol u d-Disinn tat-Taxxi fuq il-Ġid Nett fl-OECD),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-OECD tal-15 ta' Ottubru 2019 intitolat "Taxing Energy Use 2019 – Using Taxes for Climate Action" (It-Taxxa fuq l-Użu tal-Enerġija 2019 — L-Użu tat-Taxxi għall-Azzjoni Klimatika),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Mudell tal-OECD dwar l-Introjtu u l-Kapital 2017,

– wara li kkunsidra l-istudju intitolat "Taxation in support of green transition: an overview and assessment of existing tax practices to reduce greenhouse gas emissions" (It-tassazzjoni b'appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika: ħarsa ġenerali u valutazzjoni tal-prattiki tat-taxxa eżistenti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali fis-6 ta' Jannar 2021,

– wara li kkunsidra l-istudju intitolat "Study on the taxation of the air transport sector" (Studju dwar it-tassazzjoni tas-settur tat-trasport bl-ajru), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali fit-2 ta' Lulju 2021,

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u

[6] ĠU 261I, 7.10.2022, p. 1.

elettriku[7],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta’ Mejju 2022 dwar il-pjan REPowerEU (COM(2022)0230),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-OECD tad-19 ta’ Mejju 2020 intitolat “Tax and Fiscal Policy in Response to the Coronavirus Crisis: Strengthening Confidence and Resilience” (Il-Politika tat-Tassazzjoni u Fiskali b’Reazzjoni għall-Kriżi tal-Coronavirus: insaħħu l-Fiduċja u r-Reżiljenza),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew Ekonomiku u Soċjali tat-13 ta’ Lulju 2022 dwar it-tassazzjoni tat-teleħaddiema transfruntiera u ta’ min iħaddimhom[8],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2023),

A. billi l-irkupru ekonomiku u l-kriżi klimatika jżidu l-ħtieġa li jiġu mobilizzati iktar riżorsi u evalwati mill-ġdid il-politiki dwar it-tassazzjoni attwali fl-Istati Membri;

B. billi l-profitti korporattivi li dejjem jiżdiedu jammontaw għal kważi nofs iż-żieda fl-inflazzjoni fl-UE matul dawn l-aħħar sentejn, hekk kif il-kumpaniji għollew il-prezzijiet b’aktar mill-ispejjeż li qed jiżdiedu tal-enerġija importata;

C. billi t-tendenza dejjem tikber tat-teleħaddiema transfruntiera, inklużi n-nomadi diġitali, ħolqot diffikultajiet għat-tassazzjoni tal-introjtu mix-xogħol;

D. billi matul is-snin, l-inċidenza tat-taxxa mxiet minn fuq il-ġid għal fuq l-introjtu, mill-introjtu mill-kapital għall-introjtu mix-xogħol u mill-konsum, minn intrapriżi multinazzjonali (MNEs) għal intrapriżi żgħar u medji (SMEs) u mis-settur finanzjarju għall-ekonomija reali;

E. billi l-Istati Membri tal-UE jiddependu b’mod sproporzjonat fuq it-taxxi fuq l-introjtu mix-xogħol, il-kontribuzzjonijiet soċjali u t-taxxi indiretti, bħat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT);

F. billi n-nisa jiffaċċjaw preġudizzji impliċiti tat-taxxa, peress li tipikament jiddependu aktar fuq l-introjtu mix-xogħol mill-introjtu kapitali u jonfqu proporzjon ogħla tal-introjtu tagħhom fuq il-konsum; billi fl-UE, dawk li jaqilgħu paga sekondarja huma fil-biċċa l-kbira nisa, u jaqilgħu medja ta’ madwar terz tal-introjtu konġunt tal-unità domestika;

G. billi tqajjem tħassib dwar it-tassazzjoni doppja potenzjali tar-rifuġjati Ukreni li jkomplu jwettqu dmirijiethom għall-impjegatur Ukren tagħhom filwaqt li jaħdmu mill-bogħod mill-pajjiżi ospitanti tagħhom u dwar in-nuqqas ta’ approċċ komuni tal-UE dwar din il-

[7] ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.
[8] ĠU C 443, 22.11.2022, p. 15.

kwistjoni;

H. billi r-rati tal-VAT tnaqqsu fis-setturi milquta mill-kriżi u fuq l-oġġetti bażiċi biex jittaffew l-effetti negattivi tal-pandemija tal-COVID-19 u l-inflazzjoni għolja;

I. billi l-għadd ta' titjiriet bil-ġettijiet privati fl-Ewropa żdied b'64 % bejn l-2021 u l-2022; billi l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju minn titjiriet privati żdiedu b'aktar mid-doppju f'dak il-perjodu;

J. billi bejn l-2020 u l-2022, l-industrija tat-tbaħħir iġġenerat profitt daqs kemm kienet għamlet matul is-sitt deċennji preċedenti flimkien; billi għadha qed tiffaċċja tassazzjoni globali baxxa;

K. billi l-SMEs huma affettwati b'mod speċjali mill-kumplessitajiet tas-sistema tat-taxxa, b'mod partikolari l-konformità mar-regoli tat-taxxa, meta mqabbla mal-MNEs;

Rispons permezz tat-taxxa għall-kriżijiet u l-inflazzjoni li għaddejjin bħalissa

1. Jenfasizza li s-sistemi tat-taxxa u l-kapaċitajiet fiskali fl-Istati Membri qed jiffaċċjaw xokkijiet serji, popolazzjoni li qed tixjieħ u sfidi relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika, it-trasformazzjoni diġitali tas-swieq tax-xogħol tagħhom u d-distakk fiskali eżistenti[9], fatturi li lkoll jenfasizzaw il-ħtieġa ta' investimenti pubbliċi kbar sabiex jinkiseb irkupru ekonomiku sostenibbli, jiġi mmobilizzat il-kapital privat u tiġi attirata l-intraprenditorija;

2. Jinnota bi tħassib li l-impatti tal-pandemija tal-COVID-19, ix-xokk sussegwenti fil-prezzijiet tal-enerġija u l-inflazzjoni huma rigressivi ħafna, u l-ifqar unitajiet domestiċi huma l-agħar li jintlaqtu; josserva li r-rati tat-taxxa effettivi żdiedu b'mod sinifikanti għall-familji bit-tfal, partikolarment dwar f'livelli ta' introjtu aktar baxxi[10]; jinnota bi tħassib li l-inugwaljanza bejn il-ġeneri marret għall-agħar matul il-pandemija;

3. Josserva li l-għajnuna finanzjarja tal-COVID-19 fil-forma ta' tnaqqis tat-taxxa u krediti tat-taxxa kellha impatt limitat fuq dawk l-aktar fil-bżonn, bħall-persuni qiegħda, l-istudenti, il-pensjonanti, il-ħaddiema mhux irrappurtati u l-ħaddiema part-time;

4. Josserva bi tħassib li l-inflazzjoni kienet parzjalment xprunata minn kumpaniji li żiedu l-marġni ta' profitt tagħhom, pereżempju, l-introjtu annwali qabel it-taxxa ta' Maersk żdied minn USD 967 miljun fl-2019 għal USD 30.2 biljun fl-2022;

5. Jiddispjaċih għall-fatt li l-MNEs li jirrealizzaw profitti eċċessivi fi żminijiet ta' kriżijiet u individwi sinjuri li jiksbu qligħ kapitali sinifikanti permezz tal-ispekulazzjoni, spiss ma jiġux intaxxati biżżejjed;

6. Jinsab imħasseb li l-impatt tat-tnaqqis temporanju tal-VAT għall-konsumaturi finali kien limitat u kien aktar evidenti għall-kumpaniji li żiedu l-marġni ta' profitt tagħhom

[9]Il-Kummissjoni Ewropea, "Tax policies in the European Union – 2020 survey" (Politiki tat-Taxxa fl-Unjoni Ewropew - Stħarriġ 2020), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2020.
[10]OECD, "Double blow for workers as inflation drives real wages down and labour taxes up" (Daqqa doppja għall-ħaddiema hekk kif l-inflazzjoni tnaqqas il-pagi reali u żżid it-taxxi fuq ix-xogħol", il-25 ta' April 2023.

minħabba dan it-tnaqqis;

7. Jiddispjaċih li, fit-taħlita ġenerali ta' taxxi, it-tassazzjoni ambjentali għadha mhux utilizzata biżżejjed fl-UE; jiddispjaċih li s-sussidji fuq il-fjuwils fossili għadhom kbar; josserva li, b'mod ġenerali, is-sistemi tat-taxxa fl-Istati Membri mhumiex jirrispondu għall-kriżijiet tal-bijodiversità u tal-klima u mhux qed jikkontribwixxu biżżejjed biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-UE;

8. Jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw il-"preċedent tal-COVID-19" għat-tassazzjoni tal-ħaddiema transfruntiera fir-rigward tat-trattament tat-taxxa tar-rifuġjati Ukreni, li jkun jinvolvi li jiġu injorati l-jiem addizzjonali mqattgħin fil-pajjiż ospitanti għall-kalkolu tar-regola ta' 183 jum; jirrakkomanda li l-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali tal-Istati Membri joffru gwida dwar it-taxxi lir-rifuġjati u jnaqqsu l-kumplikazzjonijiet amministrattivi;

Sistemi tat-taxxa reżiljenti għall-futur

9. Iqis li, fid-dawl tal-ħafna kriżijiet li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri, l-UE għandha taħtaf l-opportunità li twettaq analiżi sħiħa u olistika tas-sistemi tat-taxxa tagħha;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi evalwazzjoni komprensiva segwita minn pjan ta' azzjoni dwar oqsma importanti għar-riforma sabiex issaħħaħ is-sistemi tat-taxxa tal-Istati Membri billi tagħmilhom reżistenti għall-futur u għall-kriżijiet, inkluż permezz tas-simplifikazzjoni tas-sistemi tat-taxxa nazzjonali tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta dwar it-taxxa skont l-Artikolu 116 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex issolvi distorsjonijiet speċifiċi tat-taxxa fl-Istati Membri;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-effikaċja tat-tnaqqis temporanju tal-VAT applikat fl-Istati Membri u tieħu miżuri jekk jitqies meħtieġ;

12. Jenfasizza li t-taxxi ambjentali u l-inċentivi mfassla tajjeb għandhom il-potenzjal li jkopru kemm il-ħtieġa għal dħul addizzjonali kif ukoll jappoġġjaw ekonomija ħielsa mill-karbonju; jistieden lill-Istati Membri biex finalment jaqblu dwar ir-reviżjoni proposta tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija[11];

13. Jinnota bi tħassib li l-inugwaljanza fl-introjtu kibret tul dawn l-aħħar 30 sena, u li l-ġid huwa dejjem iktar ikkonċentrat mill-introjtu u li l-gwadanji kapitali qed jagħmluhom biss id-deċili ta' fuq tal-popolazzjoni; iqis li l-Istati Membri għandhom jiddistribwixxu mill-ġdid b'mod aktar effettiv l-introjtu u l-ġid permezz tat-tassazzjoni fuq il-gwadanji kapitali, il-proprjetà u l-ġid; jappoġġja t-talbiet biex jinbdew negozjati fil-livell internazzjonali biex tiġi stabbilita taxxa progressiva fuq il-ġid, bl-istess mod bħall-ftehim globali tal-OECD/G20 dwar ftehim tat-taxxa għall-korporazzjonijiet;

14. Jilqa' l-kontribuzzjoni ta' solidarjetà adottat fl-UE; jiddispjaċih, madankollu, dwar il-kamp ta' applikazzjoni limitat u l-perjodu ta' żmien qasir tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra taxxa fuq il-profitt eċċessiv permanenti fuq is-setturi kollha, fid-dawl tal-evidenza dejjem tikber li l-inflazzjoni hija parzjalment xprunata mill-

[11] Proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2021 għal Direttiva tal-Kunsill li tirriforma l-istruttura tal-Unjoni dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (COM(2021)0563).

profitt; jemmen li tali taxxi jrażżnu s-setgħa oligopolistika ta' ċerti kumpaniji u jagħtu spinta lill-kompetittività, filwaqt li jiġġieldu l-inflazzjoni u jżidu d-dħul;

15. Jiddispjaċih li l-industrija tat-tbaħħir mhijiex intaxxata biżżejjed u saħansitra hija eskluża mill-Pilastru Tnejn tal-Ftehim tal-OECD/G20; jappoġġja s-sejħa għal inizjattiva multilaterali biex l-attivitajiet tat-trasport marittimu internazzjonali jiġu ntaxxati minn perspettiva ta' profitt u karbonju;

16. Jitlob li jkun hemm inizjattiva multilaterali tan-NU jew tal-G20 biex jiġu introdotti standards minimi tat-taxxa fuq il-karbonju, inkluża rata minima;

17. Josserva bi tħassib li t-titjiriet bil-ġettijiet privati żdiedu b'mod esponenzjali fl-UE f'dawn l-aħħar ftit snin ta' kriżi; jitlob għal taxxa projbittiva fl-UE kollha fuq il-ġettijiet privati;

18. Josserva li l-eliminazzjoni tad-diżinċentivi relatati mat-taxxa għall-impjiegi tan-nisa u d-distribuzzjoni inugwali ta' xogħol imħallas u mhux imħallas hija waħda mill-aktar objettivi kritiċi tal-politika tat-taxxa mill-perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi gwida biex tiġi kkunsidrata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-tfassil tal-politika tat-taxxa u fl-amministrazzjoni tat-taxxa; jinnota l-ħtieġa li jittejjeb il-ġbir ta' data diżaggregata skont il-ġeneru;

°

° °

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

L-inugwaljanzi jikbru u jiżdiedu fi żminijiet ta' kriżi. Is-sitwazzjoni wara l-pandemija tal-COVID-19 mhijiex eċċezzjoni għal dan. Mal-pandemija żdiedet il-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-kriżi tal-enerġija kawża tagħha, u dawn il-fatturi lkoll ikkawżaw inflazzjoni għolja u instabbiltà ekonomika, u affettwaw b'mod negattiv is-soċjetajiet tagħna fl-UE, kif ukoll fid-dinja fil-forma ta' kriżi tal-għoli tal-ħajja, żieda fl-inugwaljanzi, tnaqqis fil-pagi reali u deterjorament fil-klima u l-bijodiversità.

Filwaqt li l-ekonomiji Ewropej qed jirkupraw bil-mod permezz tal-appoġġ tal-gvern, ħafna kwistjonijiet għadhom ma ġewx indirizzati u r-rwol tat-tassazzjoni bħala strument ta' politika għar-ridistribuzzjoni, iż-żieda tad-dħul u strument għat-tmexxija tal-imġiba għadu mhux utilizzat biżżejjed.

Dan ir-rapport jiffoka fuq uħud mill-aktar effetti negattivi qawwija li l-kriżi tal-COVID-19 kellha fuq is-soċjetajiet fl-UE, u fuqu jistgħu jinstabu soluzzjonijiet għal dawn l-effetti f'sistema ta' tassazzjoni aktar solida u ġusta li mhux biss twieġeb għall-kriżi immedjata u l-inflazzjoni attwali, iżda tagħti riżultati wkoll fl-indirizzar tal-kriżi klimatika u tal-bijodiversità fost affarijiet oħra. Ir-rapport, ibbażat fuq uħud mill-aktar studji reċenti, jindirizza wħud mill-punti li ġejjin:

- il-ħtieġa għal riforma tas-sistema tat-tassazzjoni jekk is-soċjetajiet iridu jkomplu jipprovdu l-prekundizzjonijiet għal benessri inklużiv u sostenibbli;

- l-irkupru ekonomiku u l-kriżi klimatika żiedu l-ħtieġa li jiġu mobilizzati aktar riżorsi u jiġu evalwati mill-ġdid il-politiki tat-tassazzjoni attwali;

- l-SMEs huma partikolarment milquta mill-kumplessitajiet tas-sistema tat-taxxa u l-konformità mar-regoli tat-taxxa meta mqabbla mal-MNEs, u din is-sitwazzjoni tmur għall-agħar matul żmien ta' kriżi;

- in-nisa jintlaqtu minn sistema ta' tassazzjoni inġusta u preġudikata, għax tipikament jiddependu iktar fuq l-introjtu mix-xogħol, jonfqu proporzjon ogħla tal-introjtu tagħhom fuq il-konsum u għandhom inqas ishma fl-MNEs;

- l-Istati Membri tal-UE jiddependu b'mod sproporzjonat fuq it-taxxi fuq l-introjtu mix-xogħol, il-kontribuzzjonijiet soċjali u t-taxxi indiretti, bħat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u dan l-effett, jinħass iktar fi żmien ta' kriżi.

Filwaqt li mhux kollox jista' jissolva permezz tar-riformi tat-taxxa, sistema ta' tassazzjoni li tiffunzjona tajjeb u li tkun imfassla tajjeb tista' tiżgura soċjetajiet b'saħħithom fejn l-introjtu u l-ġid jiġu distribwiti mill-ġdid b'mod ġust, ix-xogħol jiġi vvalutat f'ekonomija ħielsa mill-karbonju, jiġu indirizzati l-preġudizzji espliċiti u impliċiti bejn il-ġeneri u l-gvernijiet ikollhom il-mezzi biex jirrispondu għall-isfidi komuni tagħna.

Filwaqt li l-UE teħtieġ investimenti pubbliċi kbar biex tikseb irkupru ekonomiku sostenibbli u t-tranżizzjoni ekoloġika, kif ukoll biex timmobilizza l-kapital privat u tattira l-intraprenditorija, jeħtiġilha tiffaċċja wkoll sfidi bħas-soċjetajiet tagħna li qed jixjieħu, it-trasformazzjoni diġitali tas-swieq tax-xogħol tagħna u d-distakk eżistenti fit-taxxi.

Ir-rapport jipproponi elementi ewlenin li jistgħu jitqiesu f'approċċ aktar olistiku għat-tassazzjoni biex jiġu evitati aġġustamenti *ad hoc* fi żminijiet ta' kriżi, u biex jiġi evitat li l-inugwaljanzi jiġu aggravati minn sistemi tat-taxxa eżistenti, b'effetti detrimentali fuq is-soċjetà tagħna u l-pjaneta tagħna.

Uħud mill-proposti importanti fir-rapport jinkludu:

- taxxa fuq il-profitt eċċessiv permanenti fuq is-setturi kollha, fid-dawl tal-evidenza dejjem tikber li l-inflazzjoni hija parzjalment xprunata mill-profitt;

- taxxa projbittiva fl-UE kollha fuq il-ġettijiet privati biex tinġarr responsabbiltà għal-livelli għoljin ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju;

- taxxa fuq il-karbonju li tiżgura l-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas";

- taxxa progressiva fuq il-ġid, simili għall-ftehim globali tal-OECD/G20 dwar it-taxxa għall-korporazzjonijiet.